MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 447/2005

**Nurreddin El Basha (I.D. Nru. 0014881A)**

**Vs**

**Henry Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mill-attur fl-1 ta' Awissu 2005 permezz ta' liema jitlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu d-danni li jigu Minna likwidati, liema danni ma jammontawx ghal aktar minn hamest elef Lira Maltija (Lm5,000), illum ekwivalenti ghal €11,646.86, b'rizultat ta' feriti u debilita permanenti li huwa sofra meta fis-27 ta' Jannar 2004 fid-9:30a.m., gewwa l-garage Nru.2, Triq George Zahra, Luqa, il-konvenut hebb ghalih, ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-istess konvenut; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Ottubru 2004, u l-ispejjez medici tal-feriti u debilita permanenti sofferti mill-attur, kontra l-konvenut;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijietipprezentata mill-konvenut permezz ta’ liema jeccepixxi li: (i) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma huwiex minnu li huwa hebb ghall-attur kif qed jigi allegat; (ii) huwa agixxa in difesa wara li safa’ aggredit mill-attur; u (iii) mhux minnu li l-attur sofra danni kif qed jigi allegat u f’kull kaz l-attur ghandu jipprova d-danni li huwa qed jitlob permezz ta’ dokumentazzjoni xierqa u appozita;

Semghet ix-xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduti ta’ l-14 ta’ Marzu 2006[1], ta’ l-20 ta’ Marzu 2006[2] u tas-7 ta’ Mejju 2008[3] u rat id-dokumenti minnu esebiti fifl-14 ta’ Marzu 2006 u markati bhala Dok. “NEB1” sa’ Dok. “NEB7”[4], id-dokumenti minnu esebiti fl-20 ta’ Marzu 2006 a fol. 35 u a fol. 39 tal-process u d-dokument minnu esebit fl-14 ta’ Mejju 2008 u fis-17 ta’ Lulju 2008 markat bhala Dok. “FXC1” a fol. 89 u 93 tal-process, semghet ix-xhieda tat-Tabib Dr. Chris Farrugia moghtija waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ Marzu 2006[5], ix-xhieda ta’ Joseph Aquilina[6], Osama Kabuli[7] u l-Avukat Dottor Frank Cassar[8] moghtija waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ April 2006, ix-xhieda tal-Professur Agob Basmadjian[9] u tas-Surgent 1495 Joseph Muschat[10] moghtija waqt is-seduta tal-25 ta’ April 2006 u rat id-dokument esebit mis-Surgent 1495 markat bhala Dok. “JM1” a fol. 55 sa’ 57 tal-process, rat l-affidavit tat-Tabib Kirurgu Dr. Alec Sultana u d-dokument anness mieghu esebiti a fol. 69 sa’ 70 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tas-27 ta’ Novembru 2007[11] u tas-7 ta’ Mejju 2008[12] u x-xhieda ta’ Josianne Farrugia moghtija waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Mejju 2009[13], u rat il-vera kopja tal-process kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v.

[1] Fol. 20 sa’ 22 tal-process.
[2] Fol. 33 sa’ 34 tal-process.
[3] Fol. 84 sa’ 85 tal-process.
[4] Fol. 23 sa’ 31 tal-process.
[5] Fol. 36 sa’ 37 tal-process.
[6] Fol. 41 sa’ 42 tal-process.
[7] Fol. 43 sa’ 44 tal-process.
[8] Fol. 45 tal-process.
[9] Fol. 52 tal-process.
[10] Fol. 53 sa’ 54 tal-process.
[11] Fol. 73 sa’ 74 tal-process.
[12] Fol. 86 sa’ 87 tal-process.
[13] Fol. 96 sa’ 97 tal-process.

Henry sive Eric Farrugia" esebita mill-attur a fol. 114 sa' 183 tal-process;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet kontendenti u rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu d-danni minnu sofferti b'rizultat ta' feriti u debilita permanenti li huwa sofra wara li safa' aggredit mill-istess konvenut fil-garage Nru.2, Triq George Zahra, Luqa, nhar is-27 ta' Jannar 2004, ghall-habta tad-9:30a.m., ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Il-konvenut da parte tieghu jichad li hebb ghall-attur u jsostni li kien invece l-attur li hebb ghalih u huwa agixxa in difesa ghal din l-aggressjoni ta' l-attur. Il-konvenut bla pregudizzju jikkontendi li fi kwalunkwe kaz l-attur ghandu jipprova d-danni minnu allegatament sofferti permezz ta' dokumentazzjoni xierqa u appozita.

Mill-provi prodotti jirrizulta li bhala fatt fis-27 ta' Jannar 2004 fil-garage Nru.2, Triq George Zahra, Luqa, ghall-habta tad-9:30a.m., il-partijiet kontendenti kellhom xi jghidu bejniethom u gew fl-idejn. Madanakollu però il-partijiet jaghtu versjonijiet ghal kollox distinti minn xulxin dwar kif sehh dan l-incident bejniethom u min minnhom bdih.

L-attur isostni li *fis-27 ta' Jannar 2004, ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghodu, jiena kont qieghed gewwa l-garaxx tieghi fi Triq George Zahra, Hal-Luqa. Il-bieb kien imbexxaq. Dak il-hin dahal il-konvenut Henry Farrugia u b'certa rabja qalli li gie hemmhekk biex jara x'kelli. Beda jqalleb il-kxaxen illi kelli fil-garagxx u jiena ppruvajt inzommu, izda l-konvenut Farrugia beda jimbottani u jwarrabni. Farrugia beda jinsisti bl-aggressjoni u hin minnhom qabadli idejja u ghawwigili subghaja. Hawnhekk jiena ndunajt illi kisirli subghaja ghax ghawwiguli b'mod mhux naturali. Fil-fatt kien subghajja l-werrej ta' l-id ix-*

*xellugija. Hassejt wega' kbira u ghidtlu illi kissirli subghaja, izda Farrugia qalli li ma kienx jinteressah*[14].

Il-konvenut min-naha l-ohra jghid illi *l-attur kien mizzewweg lit-tifla tieghi. Illum isseparaw. Darba minnhomm mort ghandu sabiex nitolbu telephone number ta' habib tieghu minghand min kont xtrajt karozza. Habbat il-bieb u fetahli l-attur u dhalt u fil-garage rajt xi ghamara illi jiena kont tajthom bhala rigal fil-Milied. Il-garage kien qed jintuza bhala mahzen u kien hemm hafna affarijiet ohra mghottija b'lizar. Meta rajt hekk u peress li jiena kont naf li l-attur ma kien juri lit-tifla xejn, jiena mort nikxef xi lizar halli nara x'kien hemm taht u kien hawnhekk li jiena gejt aggredit mill-attur u mbuttani. Kissirli n-nuccali li kelli mdendel mieghi u tani daqqa ta' sieq u keccieni 'l barra. Meta rajt din l-aggressjoni jiena rrezistejt u imbaghad bqajt fil-bieb ta' barra sakemm giet it-tifla biex tara x'hemm u m'hemmx. Meta giet it-tifla l-attur ma halliex lanqas lit-tifla tidhol u sakkar il-bieb*[15] *… Naghmel referenza ghax-xhieda tieghi tas-27 ta' Novembru 2007 fejn jiena ghidt illi meta rajt l-attur qieghed ikun aggressiv mieghi u jimbuttani l-bieb 'il barra jiena rrezistejt. Dana ghamiltu billi ippruvajt nilqa' dak l-imbuttar illi l-attur beda jindirizza fil-konfront tieghi. Qed jigi suggerit illi f'hin minnhom jiena qbadt idejn l-attur, nghid illi dan mhuwiex minnu. F'idejja dak il-hin jiena ma kelli xejn. Fuqi però kelli nuccali li l-attur kissiruli*[16].

Huwa evidenti li l-attur isostni li kien il-konvenut li hebb ghalih filwaqt li l-konvenut jinsisti li kien l-attur li aggredih u rrezista din l-aggressjoni.

Rinfaccjata b'dawn iz-zewg versjonijiet opposti ghal xulxin, partikolarment ghal dak li jirrigwarda min mill-partijiet kontendenti seta' hebb ghall-iehor, il-Qorti necessarjament trid tirrikorri ghaz-zewg principji guridici ormai assodati f'materia ta' konflitt ta' versjonijiet tal-fatti,

---

[14] Xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2006, fol. 20 sa' 22 tal-process.
[15] Xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2007, fol. 73 sa' 74 tal-process.
[16] Xhieda in kontro-ezami moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2008, fol. 86 sa' 87 tal-process.

u cioè: (i) *li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u* (ii) *fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur" (Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Maryanne Theuma" Appell (Sede Inferjuri) deciza fit-22 ta' Novembru 2001)*. *Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)*[17].

Ma hemmx dubju li l-incident bejn il-partijiet kontendenti sehh x'hin il-konvenut beda jqalleb u jfittex fl-affarijiet li l-attur kellu fil-garage Nru.2, Triq George Zahra, Luqa, li hu kien kera minghand terzi. Madanakollu l-Qorti ma hijiex affattu konvinta li kif affermat mill-attur, il-konvenut hebb ghalih.

Mill-provi prodotti johrog b'mod car li x'hin il-konvenut kien qed iqalleb fl-affarijiet ta' l-attur, l-attur mar biex fizikament iwaqqfu u kien ghalhekk l-attur li agixxa l-ewwel b'certu grad ta' forza fil-konfront tal-konvenut. Ghalkemm l-attur jipprova ma jenfasizzax fuq dan il-punt, mix-xhieda tieghu stess johrog car li kien hu l-ewwel li agixxa fizikament u b'certa grad ta' forza fil-konfront tal-konvenut biex jipprova jwaqqfu u l-konvenut irrezista ghal dan l-agir ta' l-attur - *Beda jqalleb il-kxaxen illi kelli fil-garagxx u jiena ppruvajt inzommu, izda l-konvenut Farrugia beda jimbottani u jwarrabni*[18]. Bejn il-partijiet kontendenti ghalhekk inqalghet taqbida bir-rizultat li waqtha l-attur kiser subghajh.

Il-Qorti appozitament taghmel uzu mill-kelma "taqbida" u mhux "aggressjoni" ghaliex fil-fehma Taghha ma kienx hemm aggressjoni kif intiza mill-partijiet, la tal-konvenut fil-

---

[17] Maria Xuereb et v. Clemente Gauci et, Appell Civili Nru. 290/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004.
[18] Xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2006, fol. 20 sa' 22 tal-process.

konfront ta’ l-attur u lanqas vice versa, izda biss *scuffle* bejniethom.

Tant l-incident ta’ bejn il-partijiet kontendenti ma kienx aggressjoni ta’ wiehed fil-konfront ta’ l-iehor illi t-taqbida fiha nfisha damet biss ftit minuti u kwazi immedjatament kif inqala’ kollox l-attur kien f’posizzjoni jcempel lill-Pulizija biex jigu fuq il-post u anke lil xi hbieb tieghu. X’hin il-Pulizija gew fuq il-post ftit tal-hin wara li cemplilhom l-attur huma sabu lill-attur u lill-konvenut, iva jargumentaw izda mhux fl-idejn u wisq inqas wiehed jaggredixxi lill-iehor.

Dana kollu johrog ferm car kemm mir-rapport tal-Pulizija dwar l-incident fejn hemm riportat illi *Mr. Nureddin El Basha reported today 27/01/2004 at about 10a.m. by a telephone call at Luqa Police Station that he was beaten up in his garage by his father in law Mr. Henry Farrugia holder of I.D. Card No. 238552M and same was still in his garage. The divisional police went on the spot at garage no. unknown situated at Triq Gorg Zahra, Luqa,* ***and found Mr. Nureddin together with Mr. Henry Farrugia in the abovementioned garage arguing***[19] kif ukoll mix-xhieda tas-Surgent 1495 Joseph Muscat illi kkonferma li *fis-27 ta’ Jannar 2004, jiena kont stazzjonat Rahal il-Gdid u rcevejt telefonata mill-Pulizija ta’ Hal Luqa illi kien sar incident f’garaxx 2, Triq Gorg Zahra, Hal-Luqa, fejn gie aggredit Nurredin El Basha minn missier il-mara tieghu, Henry Farrugia. Jiena fuq il-post baghat lill-Pulizija 663 Jean Paul Sciriha u WPC120 Caroline Jacono.* ***Dawn qaluli li s-sitwazzjoni kienet taht kontroll u ma kienx hemm ghalfejn nattendi personalment*** *u li z-zewg (2) partijiet sofrew griehi hfief*[20].

L-Ufficjali tal-Pulizija li attwalment marru fuq il-post ukoll ikkonferma li x’hin waslu sabu lill-partijiet kontendenti jargumentaw verbalment izda mhux wiehed jaggredixxi lill-iehor. PC 663 Jean Paul Sciriha xehed illi *sibt lil Eric Farrugia u lil El Basha, dak il-hin kienu qed jargumentaw biss … meta morna fuq il-post kienu qed jargumentaw*

[19] Fol. 56 tal-process. Enfasi mizjuda mill-Qorti.

[20] Xhieda moghtija mis-Surgent 1495 Joseph Muscat waqt is-seduta tal-25 ta’ April 2006, fol. 53 sa’ 54 tal-process.

*mhux jigifieri jitkellmu hazin jew hekk, dan fuq xi garaxx bdew jghidu li jekk mhux sejjer zball kellu xi…* u WPS 120 Caroline Jacono xehdet illi *dak il-hin li wasalna ahna argumenti verbali jigifieri kien diga'*[21].

Fil-fehma tal-Qorti s-sitwazzjoni bejn il-partijiet kontendenti eskalat minhabba t-tensjoni li inevitabilment kien hemm bejnieto peress illi dak iz-zmien l-attur kien ghaddej mill-process ta' separazzjoni minn ma bint il-konvenut.

Ghalkemm il-Qorti ma tiddubitax li l-attur wegga' sebghu waqt it-taqbida li kellu mal-konvenut, ma hijiex tal-fehma li l-konvenut ghandu jinzamm civilment responsabbli ghall-ferita u debilità permanenti li l-attur jghid li sofra b'konsegwenza ta' dan l-ncident u ghall-konsegwenti danni minnu allegatament sofferti, u dana billi mill-provi prodotti ma jirrizultax b'mod sodisfacenti li kif affermat mill-attur, il-konvenut qabadlu idu u kisirlu subghajh.

Fil-fehma taghha huwa iktar probabli li waqt it-taqbida ta' bejniethom – bil-konvenut jqalleb fl-affarijiet ta' l-attur u jipprova jirrezisti lill-istess attur waqt li dan kien fizikament qed jipprova jwaqqfu – l-attur lewa' jew laqat idu, izda mhux necessarjament b'agir tal-konvenut, bil-konsegwenza li kiser subghajh. Konferma tal-fatt li dan hu dak li probabilment gara tirrizulta mix-xhieda li taw Joseph Aquilina u Osama Kabuli, entrambe prodotti bhala xhieda mill-attur.

Jidher illi dakinhar tas-27 ta' Jannar 2004, l-attur cempel lil Joseph Aquilina u lil Osama Kabuli biex xi hadd minnhom imur mieghu l-Polyclinic u l-Isptar minhabba li kiser subghajh. Mix-xhieda taghhom jirrizulta li l-attur spiegalhom dak li skond hu gara bejnu u l-konvenut u bi spiegazzjoni tal-ksur li sofra jidher li qalilhom li waqt it-taqbida li kellu mal-konvenut kiser subghajh, minghajr

---

21 Xhieda moghtija PC 663 Jean Paul Sciriha u minn WPS 120 Caroline Jacono quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2006, fol. 134 sa' 137 ta' dan il-process.

ebda accenn però li kien il-konvenut li kisirulu kif invece issa qed jikkontendi quddiem din il-Qorti[22].

In effetti Joseph Aquilina xehed illi *lill-attur ilni nafu tnax (12)-il sena u niftakar l-incident, illi huwa mertu ta' din il-kawza. Dakinhar fis-27 ta' Jannar 2004, ghall-habta tad-disgha u nofs jew l-ghaxra neqsin kwart, kien cempilli. Qalli illi kien ghadu kif gie Eric Farrugia, li jigi missier il-mara tieghu, fil-garaxx fen kien qed jahdem go Triq George Zahra, Hal Luqa. Hemmhekk s-Sur Farrugia beda jqalliblu l-kaxxi u anke hebb ghalih. L-attur prova jzommu u* ***waqt din it-taqtigha wegga' subghajh***[23]*. L-attur qalli biex nghaddi ghalih sabiex niehdu l-Polyclinic … Meta wasalna l-klinika, jiena dahhaltu fl-ewwel (1) karma u stajt nara illi subghajh kien imwegga' sew.* ***Kien jidher miksur u kien minfuh u kellu hafna brixx, bhal li kieku sellhu ma' x'imkien***[24]*.* Osama Kabuli xehed *lill-attur ilni nafu ghoxrin (20) sena. Fis-27 ta' Jannar 2004, ghall-habta ta' xi d-disgha u nofs, ircevejt telefonata minghand l-attur fejn dan qalli illi gie aggredit minn missier il-mara tieghu. Meta dan ta' l-ahhar, dahal fil-faraxx u beda jfittex f'xi kaxxi proprjetà ta' l-attur. Milli jidher,* ***skond kif qalli l-attur, gew fl-idejn ghax qalli ukoll illi kiser subajgh u talabni biex immur l-isptar mieghu***[25]*.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut fis-sens illi ma kienx hu li hebb ghall-attur u konsegwentement ma kienx hu li kisirlu subghajh, ghandha tigi milqugha.

Il-konvenut jeccepixxi wkoll li huwa agixxa in difesa meta safa' aggredit mill-attur u ghalhekk ma ghandux jinsab civilment responsabbli ghal kwalunkwe ferita jew debilità u konsegwenti danni li seta' sofra l-attur b'rizultat ta' l-incident li inqala' bejniethom. In sostenn ta' din l-eccezzjoni jissottometti ulterjorment li ladarba gie liberat

[22] Xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2006, fol. 20 sa' 22 tal-process.
[23] Enfasi tal-Qorti.
[24] Xhieda moghtija minn Joseph Aquilina waqt is-seduta ta' l-4 ta' April 2006, fol. 41 sa' 42 tal-process.
[25] Xhieda moghtija minn Osama Kabuli waqt is-seduta ta' l-4 ta' April 2006, fol. 43 sa' 44 tal-process.

mill-akkuzi kriminali migjuba kontrih mill-Pulizija Ezekuttiva, huwa iktar u iktar ma ghandux jinsab civilment responabbli fil-konfront ta’ l-attur.

Ghalkemm il-Qorti hija konvinta li l-konvenut ma ghandux jinsab civilment responsabbli fil-konfront ta’ l-attur, dana ma huwiex minhabba l-fatt li huwa gie liberat mill-akkuzi kriminali migjuba kontrih u dana billi kif gustament osservat mill-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza **Anthony Caruana v. William Mock, Appell Civili 560/91** deciza fl-20 ta’ Ottubru 2008, *fis-sistema guridika nostrali l-azzjoni civili u l-azzjoni kriminali huma zewg azzjonijiet ghal kollox indipendenti u distinti minn xulxin, partikolarment fil-konfront ta’ responsabilità u l-provi mehtiega biex il-gudikant jasal ghall-konkluzjoni tieghu. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet* ***Saviour Farrugia noe v. Emanuel Zahra et****, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Ottubru 1996, “… fil-kamp kriminali tezisti d-dottrina Ingliza ta’ beyond reasonable doubt biex l-imputat jinsab hati u fin-nuqqas ta’ dan il-kriterju fil-mens tal-Magistrat huwa jrid jillibera. F’dak civili l-prova mehtiega hija inqas rigoruza u huwa bizzejjed illi b’mohh il-gudikant tezisti l-konvinzjoni morali li bejn iz-zewg kontendenti t-tezi ta’ wiehed hija dik korretta u vera*.

Dana japplika wkoll fil-kaz fejn, bhal ma qed jaghmel il-konvenut fil-kaz in ezami, tigi ssollevata l-eccezzjoni tal-legittima difesa. In effetti ghad illi persuna tkun agixxiet in legittima difesa u ma tinstabx kriminalment responabbli ta’ l-agir taghha, xorta wahda tista’ tinstab civilment responsabbli ghad-danni kawzati f’dan l-istess agir peress illi r-reazzjoni b’legittima difesa trid tkun proporzjonali ghall-aggressjoni subita ghaliex jekk wiehed imur oltre dak li hu strettament mehtieg ikun hemm l-eccess ta’ legittima difesa[26].

Kif già iktar ‘il fuq osservat, fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-partijiet kontendenti aggredew wiehed lill-iehor kif minnhom pretiz izda, kien hemm taqbida bejniethom. Madanakollu ghalkemm ma kienx hemm aggressjoni vera

---

[26] Anthony Caruana v. William Mock, Appell Civili 560/91, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-20 ta’ Ottubru 2008.

u proprja ta’ parti fil-konfront ta’ l-ohra, fic-cirkostanzi r-reazzjoni tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attur x’hin dan mar biex fizikament iwaqqfu milli jkompli jqalliblu fl-affarijiet tieghu tista’ titqies reazzjoni in difesa.

Fil-kaz in ezami ma jirrizulta ebda eccess ta’ legittima difesa da parte tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attur ghaliex kif già iktar ‘il fuq osservat, l-attur x’aktarx kiser subghajh mhux b’azzjoni diretta tal-konvenut izda b’mod accidentali waqt it-taqbida ta’ bejniethom. Ghaldaqstant, il-konvenut ma ghandux jinsab civilment responsabbli fil-konfront ta’ l-attur ghall-ksur u konsegwenti debilità minnu sofferti b’rizultat ta’ l-incident li inqala’ bejniethom.

B’hekk anke t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, ghad illi ghal ragunijiet differenti minn dawk minnu pretizi, ghandha tigi milqugha.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat il-Qorti hi tal-fehma li hu inutili li tidhol fit-tielet eccezzjoni tal-konvenut li tittratta dwar id-danni per se reklamati mill-attur, u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut, tilqa’ l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet ta’ l-attur.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------